MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 685/2003

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Jeffrey Maggi u martu Rita Maggi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 t'April 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu ikkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija tmienja u tmenin Lira Maltija (Lm688.00), rapprezentanti import ta' tmien kambjali, kollha ta' Lm86 –il wahda, debitament accettati u skaduti minn Settembru 2002 sa' April 2003 rispettivament u mhux imhallsa.
Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-3 ta' April 2003 jammontaw ghal Lm17.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi Lm6.00 tal-konsult legali, kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma dehrux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha ghal Lm513.00.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba kif ridotta u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u tlettax il-Lira Maltin (Lm513.00) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------